10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 19**

**3 ta' April 2025**

Il-laqgħa numru 19 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-3 ta' April 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Joe Vella

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa kien hemm 2 ittri ta' apoloġija waħda ta' Sa Roberta Sultana u oħra tal-Viċi Sindku s-Sur Stephen Sultana

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

### 2.1 Korrezzjonijiet

Joe Vella qal li taħt l-attendenza ma' kienx hemm imniżżel hu stess. Karl xtaq li f'punt numru 6 jiġi iċċarat li hu talab li recordings ikunu aċċessibbli.

Kunsiderazzjoni tal-minuti

Punt 2.2 Is-Sindku qal li dan ser jiswa' bejn 3,300 u 3,500 inkluż il-materjal. Ix-xogħol jista' jibda f'nofs Mejju. Kulħadd qabel ma dan.

Punt 2.4.14 Is-Sindku qal li mar il-contracts manager u anke ġibed video fejn juri li l-karozzi joħorġu b'naqra immanuvjar. Is-Sindku qed jipproponi li il-parking bays jibqgħu hemm imma ssir tabella sabiex jipparkjaw biss light cars sabiex jinħoloq bilanċ. Ma din il-proposta kulħadd qabel.

Punt 6 Is-Sindku informa li l-proċess sabiex ir-residenti juru l-interess tagħhom fi kwerela kien spiċċa u kien hemm 11 il-resident li urew interess. Id-dettalji intbagħtu lill-avukat.

Punt 7 It-tibdil ser isir nhar il-14 ta' April wara approvazzjoni ta' TM.

Punt 6.5 Is-Sindku informa li barriers ta' ħdejn il-każin tal-futboll kienet ser jibda xogħol fuqha. Silvio qal li bollards kellhom jitwaħħlu, u hu kien issuġġerixxa li jintużaw il-bollards li kienu jintużaw qabel fil-festa. Għalhekk is-sindku qal li avolja l-kunsill fil-laqgħa preċedenti kien qabel fuq barrier, kien ser jara kemm hemm bollards li kienu jintużaw fil-festa qabel, u ssirilhom il-Maintenance neċessarja sabiex jitwaħħlu. Hawnhekk Joe saqsa hekk hux ser issiru biss f'kantuniera waħda. Is-Sindku wieġeb li ser jaraw x'hemm.

Is-Sindku spjega ukoll li l-iskola St Michael, trid tagħlaq it-Triq il-Palazz l-Aħmar u għalhekk kien qed jitlob laqgħa ma Philip Bezzina. Silvio issuġġerixxa li kieku tingħalaq Triq l-industrija. Sindku wieġeb li l-iskola ma tridx.

Punt 4

a) Għas-sejħa tal-espressjoni ta' interess is-Sindku qal li kien hemm risposta waħda ta' Andrew Bugeja. Għalhekk kien hemm qbil li dan jintalab kwotazzjoni għal-Ort u 3 slaleb għas-sena dieħla.
b) Din ser toħroġ fuq il-medja soċjali
c) Xogħol kien wieqaf minħabba li nħarġet ordni f'Malta kollha li kull tip ta' xogħol infrastrutturali irid ikun hemm uffiċjali waqt ix-xogħolijiet.

f) instab li għal din l-iskema kien għad fadal biss madwar Euro 4,000 għax il-flus l-oħra kien u ntefqu fuq il-pavimentar. Għaldaqstant kien hemm qbil li jsir uplift inġenerali tal-ħitan.

g) is-Sur Ray Fonz kien irrisponda li hu sar jaf bl-inċident ħafna wara l-attivita' u li sa fejn kien jaf hu ma kienx hemm insurance għal din l-attività. Il-Kunsill kien ser jikteb ittra lil-lands sabiex din tikkonferma li l-kunsill m'għandu l-ebda titlu fuq Casa Leoni.

h) Karl xtaq jgħaddi kumment fuq il-punt tal-eco wardens u għadda suġġeriment sabiex nikkuntattjaw ir-rangers. Is-Sindku spjega li hu kien għamel kuntatt magħhom u kellu xi 2 dati għal laqgħat imma dawn qatt ma ġew. Ser jerġa' jsir kuntatt magħhom.

j) is-sindku għandu laqgħa din il-ġimgħa mal-perit

m) Triq il-lunzjata saret

**3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 432, u Petty Cash**

Joe saqsa fuq x'kien il-pagament numru 1381 u sindku wieġeb li saru Trofew għal kull parteċipant li kienu ħadu sehem fit-tournament tal-boċċi 2024 għax minn lagħab xtaq rikonoxximent. Joe saqsa ukoll fuq l-invoice 1362 u ES wieġbet li din invoice tal-attività tal-Milied li waslet tard.

Il-pagamenti kienu approvati kif inhuma bil-proponent u sekondant ikunu Silvio Vella u Darren Grech.

**4. Komunikazzjoni mis-sindku**

a) Triq il-Brunzar

Daħlu ftit biss kummenti lura – ser niċċekkjaw hekk intbagħtux l-ittri kollha.

b) Triq il-Palazz l-Aħmar

Kull kumment li daħal kollha jaqblu ma' dak issuġġerit. Daħlu 2 emails li jissuġġerixxu post ieħor fejn jeħlu. Ħa jsir kuntatt mal-contracts manager.

c) Riżultat tal-intervisti għal assistent prinċipal

Is-Sindku saqsa l-Karl sabiex jispjega fiex wasal dan il-proċess. Karl qal li kien hemm 3 kandidati li ġew mgħajjta għal intervista. Wieħed minnhom instab li ma kienx eliġibbli filwaqt li 2 l-oħra kienu eliġibbli. Dawn intalbu jgħamlu prova ta'xogħol b'test prattiku.

d) Talba mill-KFE għas-slaleb

Is-sindku spjega li kienet saret talba mill-KFE sabiex dawn jerġgħu jagħmlu slaleb għal Triq il-Kbira San Ġużepp għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira. L-prezz ta' €1700 Materjal u xogħol tal-idejn. Għal kull sena imbagħad se nkunu qed nitolbu €350, fejn spejjez ta' HiUp u mains tad-dawl ikunu f'idejna. Storage matul is-sena ikun għand il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera.

Is-Sindku qal li ġaladarba l-kunsill jaqbel ser ikun hemm wieħed li jitlesta sabiex jarawh il-kunsilliera, imbagħad jibda' xogħol fuq l-oħrajn. Fuq dan kien hemm qbil.

e) Festa – Marċ tas-sibt

Is-Sindku spjega li kienet saret talba mill-għaqda tan-nar sabiex:

- Tingħalaq il-mina għal festa. Fuq dan kien qed jitkellem mal-awtoritajiet neċessarji
- Jerġa' jsir marċ tas-sibt bħal tas-sena l-oħra. Is-sindku spjega li waqt laqgħa f'Ottubru hu u l-SE kienu tkellmu ma' tal-banda u dawn urew oġġezzjoni. Għalhekk saqsa lill-għaqda tan-nar sabiex titkellem ma' tal-banda u ġġib l-aċċettazzjoni bil-miktub sabiex il-kunsill ikun jista' jiffinanzja l-banda wara l-kunċert għal siegħa. Il-kunsill qabel fuq dan.

Is-sindku qal ukoll li waqt laqgħa li kellu mal-għaqda tan-nar, kien tkellem magħhom ukoll fuq l-iskema li l-kunsill kien ser joħroġ.

Karl qal li l-Għaqda tan-nar għandhom jagħmlu lqugħ fuq l-Akwedott u siġar.

f) Ground ta' San Guzepp

Is-Sindku spjega li wara diversi laqgħat li kellu mal-MFA, dawn jidhru li ma jridux li għal din is-sena jsir tibdil għax skond huma f'Mejju kollox jispiċċa. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li l-kunsill kellu jgħalaq it-toroq spejjeż għal kunsill għal 3 darbiet biex forsi l-MFA tifhem li qed ikun hemm kaos sħiħ.

g) Blue Badge Triq Vivion

Is-sindku spjega li l-kunsill kien approva personalised Blue Badge fi Triq Misraħ il-Barrieri però TM iddeċidew li din issir fi Triq Vivion. Is-Sindku qal li diġà kien hemm blue badge komuni għal kulħadd fi Triq Vivion. Silvio irrimarka li personalised Blue Badge tingħata għax il-persuna vera jkollu bżonnha u din tingħata viċin ħafna. Għaldaqstant din il-blue badge għanda issir viċin l-applikant fi Triq Misraħ il-Barrieri.

Joe qal li hemm bżonn ta refresh fuq il-blue badge tal-ispiżjar. ta Misraħ il-Kebbies

h) Restawr tal-irħama tas-salib

Din ser tinġabar minn għand is-Sur Scerri u ser jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex issirilha l-manutenzjoni neċessarji.

g) Siġar fi Triq il-Kbira
Is-sindku informa li instabu 5 siġar ta' Ġuda u l-4 l-oħra ser ikunu qed jiġu ordnati hekk kif ikunu in stock.

h) Is-Sindku fakkar li il-Ħadd 6 ta' April kien hemm il-Kunċert tal-Banda. Il-pageant ser issir is-sibt ta' wara.

i) Is-Sindku spjega li l-attivita 7 visti f'7 knejjes ma' setgħetx issir peress li ma nstabux 7 kappelli u xi persuni talbu ukoll il-flus sabiex dan isir. Għaldaqstant sar ftehim ma Dar Ħanin Sammaritan sabiex jiftħu l-ġnien u l-kappella tagħhom. F'dan il-ġnien ser ikun hemm nies tal-mużew jitkellmu man-nies, jagħmlu talb. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li jsiru fjakkoli fuq iz-zuntier u l-knisja l-antika. Is-Sibt il-għid ser ikun hemm kafè fuq iz-zuntier wara l-funzjoni

j) Is-sindku qal li ser imur fi Triq il-palazz l-aħmar sabiex jitkellem mal-perit ħabba l-parking hekk kif inhu issuġġeriet minn Roberta.

**5 Skema Festa**

Is-Sindku spjega li fix-xhur li ġejjin l-għaqdiet tal-festa jibdew jitolbu l-għajnuna sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa. Għalhekk is-sindku kien qed jisuġerixxi li ssir skema ta' bejn Euro 1000, u Euro 1500 sabiex inkunu nistgħu nikkontrollaw l-infiq u kull għaqda tkun tista' tieħu l-istess ammont.

Il-marċ tan-nar hekk ikun hemm qbil bejn iż-żewġt partijiet ikun kopert mill-iskema, imma l-għeluq tal-mina u tat-toroq għal armar ikunu esklużi minn din l-iskema. Għal din l-iskema jistgħu japplikaw biss it-3 għaqdiet diretti fil-festa. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku qal ukoll li xtaq li għal armar tal-knisja jiġi mikri high-up spider electric. Kullħadd qabel fuq dan u se nitkellmu mal-kappillan sabiex inġibu dettalji. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha

**6 Ħlas tal-kontijiet tal-ilma u l-elettriku fl-uffiċċju tal-Kunsill**

Is-Sindku spjega li l-kunsill kien irċieva email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali b'sejħa għal dawk il-kunsilli li jixtiequ li l-kontijiet tal-ilma u l-elettriku jibdew jitħallsu fil-kunsill lokali. Is-sindku qal li għalkemm l-idea hi tajba l-kunsill m'għandux ir-riżorsi umani u lanqas fiżiċi sabiex dan isir, għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li dan ma jseħħx.

**7 Ġbir tal-ID Cards mill-uffiċċju tal-Kunsill**

Is-Sindku spjega li l-kunsill kien irċieva email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali b'sejħa għal dawk il-kunsilli li jixtiequ li jsir il-ġbir tal-ID Cards mill-uffiċċju tal-Kunsill. Is-sindku qal li għalkemm l-idea hi tajba l-kunsill m'għandux ir-riżorsi umani u lanqas fiżiċi sabiex dan isir, għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li dan ma jseħx. Apparti minn hekk hemm ukoll issues ta GDPR u ta' sigurtà ta' identità. Il-Kunsilliera qablu unanimament fuq dan.

**8 Kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u Eco Skola tal-Kulleġġ San Elija Ġewwa Misraħ Santa Venera**

Is-Sindku stieden lil Karl sabiex jitkellem aħjar fuq il-proġett. Karl spjega li l-istudenti tal-iskola San Elija, jixtiequ li jieħdu proġett żgħir biex isebbħu Misraħ Santa Venera billi jinżergħu xi pjanti, jinżebgħu potts, u jitqassmu pjanti lil residenti. Bħala spejjeż il-Kunsill ikollu spejjeż tal-materjal bħal żebgħa, pjanti u tisqija meta ma jkunx hemm skola. Fuq dan kien hemm qbil mill-kunsilliera.

**9 Arma**

Is-Sindku qal li kien hemm talba mir-residenti sabiex ikun hemm Triq li jisimgħa Triq Santa Venera. Għaldaqstant is-Sindku kien qed jissuġġerixxa li Triq Braille terġa tiġi bl-isem ta Triq Santa Venera. Fuq dan kien hemm qbil u kien ser isir kuntatt mal-Kumitat tat-Toroq.



Is-Sindku semma ukoll li kien hawn ħafna li jsostnu li l-arma ta' Santa Venera ma tirriflettix lil Santa Venera. Karl saqsa ala ma jħossux li din tirrifletti lil Santa Venera? Il-Fleurdelys jirrappreżenta l-arma ta' Wignacourt. Is-Sindku qal li l-isfar u l-blu mhux rappreżentati fl-istemma. Għaldaqstant is-sindku kien qed jipproponi li jsir rapport minn Chief Herald of Arms of Malta li jagħti l-punti tiegħu għad-diskussjoni pubblika. Fuq dan il-punt ittieħed vot b'4 voti favur u 1 kontra.

**10 Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fis-19.50hrs u laqgħa li jmiss ser issir fit-5 ta' Mejju fil-1700 fil-binja tal-Kunsill lokali f'Santa Venera.

Gianluca Falzon
Sindku

Tiffany Abela
Segretarju Eżekuttiv